IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2020
COM(2020) 813 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-operat tal-arranġamenti stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra

{SWD(2020) 340 final}

Introduzzjoni

1. Il-ġustizzja fiskali hija element ewlieni tal-*Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni* adottat reċentement *għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru*[1]. Kulħadd hu mistenni li jħallas is-sehem tiegħu tat-taxxi. Jekk it-taxxi jibqgħu ma jitħallsux, jeħtieġ li l-awtoritajiet tat-taxxa jieħdu azzjonijiet ta' rkupru biex jiġbru t-taxxi. Madankollu, il-kompetenza tal-awtoritajiet tat-taxxa hi limitata għat-territorju nazzjonali tagħhom. Dawn ma jistgħux jwettqu azzjonijiet ta' rkupru f'pajjiżi oħrajn, għalkemm id-debituri tat-taxxa jaf ikunu mxew lejn pajjiż ieħor jew jistgħu jiddisponu mill-assi f'pajjiżi oħrajn. Għaldaqstant, l-UE adottat leġiżlazzjoni li tippermetti lill-Istati Membri tal-UE jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin, għall-irkupru tat-taxxi tagħhom u għall-pretensjonijiet oħra tal-UE kif iddefiniti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva.

   L-eżempju li ġej juri l-funzjonament ta' din l-assistenza għall-irkupru: individwu ma jħallasx id-djun tat-taxxa tiegħu fl-Istat Membru A. Imur jgħix fl-Istat Membru B, iżda jkun ukoll is-sid ta' proprjetà fl-Istat Membru Ċ. F'dak il-każ, l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru A jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri B u Ċ biex jgħinu fl-irkupru tat-taxxi dovuti lill-Istat Membru A.

   B'dan il-mod, l-assistenza reċiproka għall-irkupru tikkontribwixxi għall-iżgurar ta' ekwità u ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tat-taxxa: tgħin biex tiżgura li kulħadd iħallas it-taxxi tiegħu u tgħin biex tipprevjeni l-evażjoni tat-taxxa u t-telf baġitarju għall-Istati Membri u għall-UE.

2. Dan ir-rapport jippreżenta s-**segwitu għar-Rapport tal-Kummissjoni COM(2017)778**[2] tat-18 ta' Diċembru 2017 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat tal-arranġamenti stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE[3] tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra L-Artikolu 27(3) ta' din id-Direttiva jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tirrapporta kull 5 snin mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar l-operat tal-arranġamenti stabbiliti b'din id-Direttiva. Dan ir-rapport hu t-tieni rapport taħt din id-Direttiva l-ġdida. Huwa jkopri l-perjodu 2017-2019.

3. F'konformità mal-konklużjonijiet tar-rapport preċedenti, **ġew determinati l-azzjonijiet li ġejjin**:
   1) Titjib fil-ġbir ta' *data* statistika dwar l-użu ta' assistenza għall-irkupru tat-taxxa, fid-dawl ta' evalwazzjoni aktar dettaljata tal-effiċjenza u l-effettività tal-assistenza reċiproka għall-irkupru, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi evitat jew limitat l-ammont ta' xogħol addizzjonali għall-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali. Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni speċjali lir-rabta bejn l-ammont ta' xogħol ta' talbiet għal assistenza li jaslu u r-riżorsi amministrattivi użati fl-Istat Membru rikjest;

---

[1] Azzjoni 14 ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:e8467e73-c74b-11ea-adf7-01aa75ed71a1.0023.02/DOC_1&format=PDF.

[2] Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat tal-arranġamenti stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra.

[3] Id-Direttiva 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra, *ĠU* L 84/1, tal-31 ta' Marzu 2010.

2) Jeżamina l-problemi fil-livell tal-Istati Membri individwali li jfixklu l-funzjonament bla xkiel tal-assistenza reċiproka għall-irkupru, fid-dawl ta' rakkomandazzjonijiet jew azzjonijiet oħra biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet;
3) L-eżaminar tal-ħtiġijiet u l-modi biex jittejjeb il-funzjonament tas-sistema ta' assistenza għall-irkupru fil-livell tal-UE;
4) L-iżvilupp tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-assistenza għall-irkupru reċiproku, kemm mill-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali kif ukoll mill-kontribwenti;
5) L-eżaminar tal-possibbiltajiet u l-modi biex tiġi promossa u ffaċilitata l-assistenza għall-irkupru ma' pajjiżi terzi, b'kont meħud tal-kompetenza u l-prijoritajiet tal-UE.

4. Fir-rigward tal-ewwel tliet punti ta' azzjoni, twettqet analiżi ulterjuri mill-Grupp tal-Proġett Fiscalis 110, li fih ipparteċipaw 13 Stat Membru[4]. Inġabar ukoll kontribut mill-Istati Membri l-oħra, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjonijiet problematiċi li nqalgħu fil-livell nazzjonali.

5. Dan ir-rapport jippreżenta l-azzjonijiet ta' segwitu u fih għadd ta' rakkomandazzjonijiet għal aktar titjib.

1. L-ewwel punt ta' azzjoni: titjib u awtomatizzazzjoni tal-ġbir ta' *data* statistika

6. L-**ammonti rkuprati** rrappurtati mill-Istati Membri applikanti u mill-Istati Membri mitluba juru xi differenzi fil-perjodu 2017-2019.

Tabella 1: ħarsa ġenerali lejn l-ammonti rkuprati (2017-2019):

	Irkuprat fuq talba ta' Stati Membri oħra, qabel it-tnaqqis tal-kostijiet proprji (irrappurtat mill-Istati Membri mitluba)	Irkuprat permezz ta' talbiet lil Stati Membri oħra (irrappurtati mill-Istati Membri applikanti
	f'EUR	*f'EUR*
2017	103 536 690	159 544 517
2018	86 099 511	127 517 949
2019	93 304 732	106 391 930

Id-*data* ta' hawn fuq tindika li matul il-perjodu ta' tliet snin, ġew irkuprati bejn EUR 283 miljun u EUR 393 miljun.

L-ammonti fil-kolonni tax-xellug u tal-lemin tat-tabella ta' hawn fuq ma għandhomx għalfejn jaqblu eżattament. L-ammonti fil-kolonna tax-xellug jirreferu għall-ammonti rkuprati qabel it-tnaqqis tal-kostijiet imġarrba mill-Istat Membru rikjest (li normalment iwassal għal ammont ogħla fil-kolonna tax-xellug), u xi djun jistgħu jitħallsu direttament lill-Istat Membru applikant (li jwassal għal ammont ogħla fil-kolonna tal-lemin). Madankollu, id-diskrepanzi bejn il-kolonni huma sinifikanti, speċjalment fl-2017, għalkemm id-differenzi bejn l-ammonti rrappurtati jonqsu minn sena għal sena.

[4] L-Istati Membri rrappreżentati fil-Grupp tal-Proġett Fiscalis 110: Il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja.

Irrispettivament minn dan it-titjib, dan iqajjem mistoqsijiet dwar il-preċiżjoni ta' din l-istatistika.

Id-diskrepanzi jistgħu jinstabu wkoll fl-għadd ta' talbiet għall-assistenza rrappurtati mill-Istati Membri (ara t-taqsima 1.1. tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport għal aktar informazzjoni dwar l-għadd ta' talbiet għall-assistenza).

7. Iċ-ċaqliq lejn **ġbir awtomatizzat ta'** ***data*** **statistika** se jgħin biex **titjieb l-affidabbiltà** tad-*data* statistika rrappurtata mill-Istati Membri. Se tnaqqas ukoll il-piż amministrattiv għall-Istati Membri.

8. Barra minn hekk, il-ġbir awtomatizzat tal-istatistika se jippermetti lill-Istati Membri jiġbru **aktar informazzjoni rilevanti** dwar il-prestazzjoni attwali tagħhom fl-assistenza għall-irkupru tat-taxxa.

   Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Irkupru diġà ddiskuta l-possibbiltà li l-Istati Membri jestendu l-ġbir tad-*data* statistika – b'mod awtomatizzat – għall-elementi li ġejjin:
   - it-tip ta' tweġibiet għal talbiet għall-irkupru, li jipprovdu indikazzjoni tal-utilità tat-talba u ċ-ċansijiet tagħha li tikseb l-irkupru;
   - l-għadd ta' sitwazzjonijiet fejn it-talbiet jiġu riveduti mill-Istat Membru applikanti, wara korrezzjonijiet, tilwim, pagamenti (parzjali), eċċ.;
   - il-puntwalità tal-konferma tar-riċevuta ta' talbiet għall-assistenza u l-puntwalità tal-ewwel tweġibiet għat-talbiet għall-assistenza;
   - l-għadd ta' talbiet għall-irkupru relatati mar-rifużjonijiet tal-VAT li għandhom isiru mill-Istat rikjest (fejn l-azzjoni mitluba minn dak l-Istat hija limitata għas-sekwestru tal-ammont tar-rifużjoni tal-VAT ikkonċernat).

   Il-Kummissjoni tistenna li din l-informazzjoni addizzjonali se tgħin biex ittejjeb l-evalwazzjoni tax-xogħol u turi aħjar l-isforzi li saru mill-Istati Membri rikjesti u applikanti.

9. Il-ġbir awtomatizzat tad-*data* statistika ta' hawn fuq jeħtieġ xi żviluppi ulterjuri fl-IT. Dawn normalment ikunu lesti fl-2021, sabiex il-ġbir awtomatizzat ta' din l-istatistika jkun jista' jiġi applikat b'mod sħiħ mill-Istati Membri fir-rigward tat-talbiet u t-tweġibiet mibgħuta mill-2022.

2. It-tieni punt ta' azzjoni: It-titjib tal-leġiżlazzjoni u l-prattika fil-livell nazzjonali

10. Hemm sitwazzjonijiet differenti fejn jenħtieġ li l-irkupru u l-eżekuzzjoni tat-talbiet għall-assistenza għall-irkupru jittejbu fil-livell nazzjonali:

    1a) **Każijiet ta' ebda tweġiba**, li juru nuqqas ċar ta' kooperazzjoni. Dawn jinkludu każijiet fejn l-awtoritajiet mitluba ma jirrikonoxxux li rċevew it-talba għall-assistenza jew fejn ma jipprovdux aktar tweġibiet għat-talba.

    Dawn is-sitwazzjonijiet jaffettwaw il-fiduċja reċiproka li hija fundamentali fl-assistenza għall-irkupru tat-taxxa.

1b) Sitwazzjonijiet oħra ta' nuqqas ta' kooperazzjoni, minħabba **problemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni insuffiċjenti jew mhux ċari**. Dawn jinkludu sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet applikanti ma jipprovdux informazzjoni ċara dwar it-talba tagħhom (eż. ġustifikazzjoni insuffiċjenti jew l-ebda ġustifikazzjoni għal talba biex tiġi rkuprata pretensjoni antika; nuqqas ta' spjegazzjoni tal-informazzjoni li fuqha hija bbażata t-talba, filwaqt li dik l-informazzjoni tkun utli għall-eżekuzzjoni tat-talba) jew meta l-awtoritajiet rikjesti ma jipprovdux informazzjoni ċara dwar l-azzjonijiet meħuda fl-Istat Membru rikjest u/jew il-problemi li jipprevjenu jew ifixklu l-eżekuzzjoni tat-talba għall-assistenza.

Dawn is-sitwazzjonijiet jaffettwaw l-effettività u l-effiċjenza tal-assistenza għall-irkupru tat-taxxa. Talbiet u tweġibiet mhux ċari jikkawżaw piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn għall-awtoritajiet ikkonċernati. L-inċertezza xxekkel ukoll id-deċiżjonijiet tal-Istat Membru applikanti li jieħu azzjonijiet ulterjuri (eż. azzjonijiet li jniedu proċedimenti ta' insolvenza jew azzjonijiet biex jinterrompu jew jissospendu l-perjodu ta' limitazzjoni).

2a) **Implimentazzjoni skorrett tad-Direttiva dwar l-Irkupru**: sitwazzjonijiet fejn id-Direttiva 2010/24 ma tiġix implimentata b'mod korrett fil-leġiżlazzjoni u/jew fil-prattika amministrattiva tal-Istat Membru rikjest jew sitwazzjonijiet relatati ma' interpretazzjoni ħażina tad-Direttiva (ara t-taqsimiet 2.2.1.-2.2.4. tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport).

Dawn is-sitwazzjonijiet ifixklu serjament il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' assistenza għall-irkupru. Joħolqu konfużjoni bla bżonn li xi kultant twassal għal aktar interpretazzjoni ħażina u nuqqas ta' ftehim reċiproku.

2b) **Leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali insuffiċjenti**: sitwazzjonijiet fejn il-qafas legali jew il-prattika fl-Istat Membru rikjest ma jkunux adattati biex jipprovdu assistenza għall-irkupru lil Stati Membri oħra (ara t-taqsima 2.2.5. tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport).

Jekk il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali ma tkunx żviluppata u adattata biżżejjed għall-ħtiġijiet tal-assistenza internazzjonali għall-irkupru, l-assistenza għall-irkupru ma tkunx tista' taħdem kif suppost. Sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu direttament jew indirettament diskriminatorji u jkollhom konsegwenzi negattivi għall-ġbir tat-taxxa u l-funzjonament tas-suq intern.

11. B'mod ġenerali, jista' jiġi konkluż li l-Istati Membri għandhom jużaw biżżejjed riżorsi umani u infrastruttura tal-IT biex jittrattaw it-talbiet li jidħlu għall-assistenza għall-irkupru, u li r-regoli nazzjonali u l-prattika amministrattiva għandhom jiġu żviluppati, bil-ħsieb li tiġi pprovduta assistenza attiva u effettiva għall-irkupru.

12. Il-Kummissjoni biħsiebha tissorvelja mill-qrib il-kwistjonijiet irrappurtati. L-Istati Membri kollha kkonċernati ġew mistiedna jikkummentaw u, fejn meħtieġ, jippreżentaw l-azzjonijiet ta' segwitu tagħhom. L-evalwazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet mill-Kummissjoni għadha għaddejja, li f'xi każijiet tista' tinvolvi t-tnedija ta' proċeduri ta' ksur f'sitwazzjonijiet ta' implimentazzjoni skorretta tad-Direttiva dwar l-Irkupru.

3. It-tielet punt ta' azzjoni: it-titjib tal-funzjonament tal-assistenza għall-irkupru fil-livell tal-UE

13. Ir-rapport tal-Kummissjoni COM(2017)778 ikkonkluda li jista' jiġi kkunsidrat it-titjib ta' aspetti legali u tekniċi differenti tal-funzjonament tas-sistema ta' assistenza għall-irkupru tat-taxxa tal-UE (ara t-taqsima 4.3. ta' dak ir-rapport).

14. Xi ideat biex jittejjeb il-qafas tal-UE tqajmu mill-Istati Membri fil-kuntest tal-evalwazzjoni li saret fl-2017[5]. Il-Grupp tal-Proġett Fiscalis 110 wettaq xi analiżi ulterjuri ta' għadd ta' suġġerimenti biex itejjeb l-effiċjenza tal-arranġamenti ta' assistenza għall-irkupru. Il-ħarsa ġenerali hawn taħt tippreżenta l-elementi ewlenin.

15. Tħassib ewlieni huwa relatat mal-**iskambju ta' informazzjoni**. Dan jista' jittejjeb, fost oħrajn, billi:
    - tkun permess aktar flessibbiltà fir-rigward tal-użu tal-formola tat-talba għall-iskambju ta' informazzjoni;
    - jiġi estiż l-iskambju ta' informazzjoni mingħajr talba u aċċess rapidu għall-informazzjoni.

16. Fil-passat, l-assistenza għall-irkupru kienet ipprovduta biss għal taxxi li kienu jeżistu fiż-żewġ Stati Membri kkonċernati. Dan l-**approċċ mera** ġie abbandunat fl-2010, meta d-Direttiva 2010/24 estendiet il-kamp ta' applikazzjoni għal talbiet relatati "mat-taxxi u d-dazji kollha ta' kwalunkwe tip". Madankollu, l-approċċ mera – li jeħtieġ xebh bejn it-taxxi tal-Istat Membru applikanti u l-Istat Membru rikjest – inżamm għall-elementi li ġejjin:
    - meta jkun qed jeżegwixxi talba għal **irkupru jew miżuri kawtelatorji**, l-Istat Membru rikjest għandu jagħmel użu mis-setgħat u l-proċeduri tiegħu stess li japplikaw għall-istess taxxa jew dazju jew, fin-nuqqas tal-istess, taxxa jew dazju simili (bit-taxxi fuq l-introjtu bħala għażla ta' riżerva) (l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24);
    - meta jibagħtu t-talbiet għall-assistenza, l-Istati Membri jridu jqisu d-diviżjoni interna tal-kompetenzi tal-Istati Membri mitluba għall-irkupru tal-kategoriji speċifiċi ta' taxxi li għalihom tintalab l-assistenza għall-irkupru. Għalhekk, ġiet stabbilita **sistema ta' 13 kaxxa postali**, li l-użu tagħhom jista' jkun differenti minn Stat Membru għal ieħor, skont id-diviżjoni interna tal-kompetenza tal-Istati Membri għall-kategoriji speċifiċi ta' taxxi;
    - meta jiġu applikati **s-sospensjoni, l-interruzzjoni jew l-estensjoni tal-perijodi ta' limitazzjoni**, peress li l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2010/24 jieħu inkunsiderazzjoni jekk huwiex previst effett korrispondenti taħt il-liġijiet fiż-żewġ Stati Membri .

17. **Is-semplifikazzjoni tar-regoli ta' hawn fuq għandha tiġi kkunsidrata**, għall-inqas fuq bażi fakultattiva. Dan jiffaċilita estensjoni possibbli (fakultattiva) tal-kamp ta' applikazzjoni għal talbiet pubbliċi oħra li għalihom ma jeżisti l-ebda qafas ta' assistenza għall-irkupru f'dan il-mument. Diversi Stati Membri fil-fatt talbu ripetutament għal estensjoni ulterjuri tal-ambitu tal-assistenza għall-irkupru għal talbiet pubbliċi oħra li għalihom bħalissa m'hemm l-ebda bażi ġuridika oħra.

---

[5] Ara d-dokument ta' ħidma tal-Persunal SWD (2017)461 tat-18 ta' Diċembru 2017 li jakkumpanja r-rapport tal-Kummissjoni COM(2017)778, Nru 6.3.2.

18. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni wkoll lill-modi kif tiġi indirizzata d-**diġitalizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet u l-assi**, li jżidu l-problemi ta' rkupru eżistenti, bħal:
    - problemi fir-rigward tas-sekwestru ta' kontijiet bankarji elettroniċi u kriptovaluti;
    - diffikultajiet biex jiġu rkuprati t-taxxi dovuti minn persuni taxxabbli stabbiliti f'pajjiżi oħra li mhumiex il-pajjiżi fejn joperaw (b'mod partikolari fil-każ tal-kummerċ elettroniku). F'dan ir-rigward, jenħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lill-aspetti ta' rkupru (assistenza) meta tiġi żviluppata leġiżlazzjoni fiskali ġdida.

19. Il-Kummissjoni biħsiebha jkollha aktar diskussjonijiet mal-Istati Membri sabiex twettaq analiżi fil-fond tal-possibbiltajiet u l-ħtiġijiet biex issaħħaħ u tiffaċilita l-qafas ta' assistenza għall-irkupru.

20. Madankollu, jenħtieġ li kwalunkwe żvilupp futur jieħu kont sħiħ tal-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet tad-debituri tat-taxxa. L-għadd dejjem jikber ta' mistoqsijiet preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE jikkonferma li l-assistenza għall-irkupru skont id-Direttiva 2010/24 – bħall-assistenza għall-irkupru taħt kwalunkwe ftehim ieħor – għandha tirrispetta d-drittijiet tad-debituri tat-taxxa, b'mod partikolari d-dritt tagħhom għad-difiża.

4. Ir-raba' punt ta' azzjoni: L-iżvilupp tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni tar-regoli dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru

21. Waħda mill-konklużjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni COM (2017) 778 kienet relatata mal-ħtieġa li jiġu żviluppati l-għarfien u l-għarfien tal-leġiżlazzjoni dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru[6]. Jidher li l-problemi fl-assistenza reċiproka għall-irkupru spiss jirriżultaw minn nuqqas ta' fehim tar-regoli skont id-Direttiva 2010/24. Barra minn hekk, is-sensibilizzazzjoni hija meħtieġa mhux biss fil-livell tal-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali iżda wkoll fil-livell tal-kontribwenti.

22. Fil-livell tal-UE, diġà ġew organizzati xi **avvenimenti ta' taħriġ**[7]. Il-Kummissjoni qed tippjana li torganizza taħriġ aktar regolari u sistematiku fi ħdan il-qafas tal-programm Fiscalis, sabiex tikkontribwixxi għal fehim komuni u għarfien tal-possibbiltajiet għall-assistenza għall-irkupru fl-UE.

    Dawn l-attivitajiet ta' taħriġ għandhom ukoll jagħtu attenzjoni lill-**impatt dejjem jikber tal-iżviluppi tal-każistika** fil-qasam tal-irkupru tat-taxxa u l-assistenza għall-irkupru .

23. Barra minn hekk, kull Stat Membru huwa mistenni l**i jikkondividi informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali tiegħu ma' Stati Membri oħra**. Din l-informazzjoni hija importanti għall-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stati Membri oħra li jixtiequ jivverifikaw il-possibbiltajiet għall-assistenza għall-irkupru f'pajjiżi oħra. Xi informazzjoni nazzjonali diġà hija disponibbli fil-bażi tad-*data* komuni CIRCABC. Il-

---

6 Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat tal-arranġamenti stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra.

7 Sessjonijiet ta' ħidma tal-Fiscalis dwar l-użu tal-formoli elettroniċi għall-irkupru taħt l-applikazzjoni ċentrali (12-13 ta' April 2018 u 19-20 ta' April 2018) u sessjoni ta' ħidma ta' taħriġ għall-awtoritajiet Norveġiżi għall-irkupru tat-taxxa, wara l-adozzjoni tal-ftehim bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza għall-irkupru tat-taxxa fil-qasam tal-VAT (25-27 ta' Settembru 2018).

Kummissjoni se tistabbilixxi azzjoni koordinata, li tistieden lill-Istati Membri biex jipproċedu b'aġġornament u estensjoni ta' din l-informazzjoni nazzjonali.

24. L-Istati Membri se jiġu mistiedna wkoll biex **iżidu l-għarfien tal-kontribwenti** dwar il-possibbiltajiet u l-konsegwenzi tal-assistenza transfruntiera għall-irkupru tat-taxxa.

5. Il-ħames punt ta' azzjoni: Eżaminar tal-possibbiltajiet u l-modi biex tiġi promossa u ffaċilitata l-assistenza għall-irkupru ma' pajjiżi terzi

25. Fl-2018, l-Unjoni Ewropea ffirmat l-ewwel **ftehim bilaterali** tagħha dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT ma' pajjiż terz: ir-**Renju tan-Norveġja**[8].

Il-Ftehim bejn l-UE u n-Norveġja jippermetti lill-Istati Membri u lin-Norveġja jużaw il-formoli elettroniċi wkoll għall-assistenza għall-irkupru fir-rigward ta' taxxi oħra minbarra l-VAT[9]. Diversi Stati Membri esprimew l-interess tagħhom li jużaw din il-possibbiltà. Dan ikun utli, fid-dawl tat-traduzzjoni awtomatizzata tal-formoli standard[10], li jippermettu li l-persuni kkonċernati jiġu infurmati fil-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest[11]. In-Norveġja indikat li l-evalwazzjoni tal-użu estiż tal-formoli elettroniċi se ssir sa tmiem l-2020.

26. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2019[12], il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxa li l-Ftehim bejn l-UE u n-Norveġja kien pass importanti fl-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa ma' pajjiżi terzi. Huwa enfasizza l-importanza ta' tali kooperazzjoni bejn l-Istati Membri Ewropej u pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u stieden lill-Kummissjoni tesplora opportunitajiet għal **ftehimiet ġodda dwar arranġamenti ta' assistenza reċiproka fil-VAT u l-irkupru ma' pajjiżi terzi oħra**.

Il-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni amministrattiva ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa relatata mal-kummerċ elettroniku, huma parti mill-inizjattivi deskritti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni adottat reċentement għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru[13].

27. Dispożizzjonijiet dwar l-assistenza għall-irkupru, li jżommu l-possibbiltà li jintuża l-qafas attwali għall-**assistenza kontinwa għall-irkupru mar-Renju Unit**, ġew inklużi fil-ftehim dwar il-ħruġ[14].

---

8 ĠU L 195,/1 tal-1 ta' Awwissu 2018. Il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2018.

9 L-Artikolu 40(4) tal-Ftehim.

10 B' mod partikolari l-formola uniformi ta' notifika u l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar.

11 L-obbligu li l-persuna kkonċernata tiġi infurmata b'lingwa partikolari ġie kkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (kawża C-233/08, *Kyrian*, u l-kawża C-34/17, *Donnellan*).

12 Il-punt 15 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill 14682/19 tal-5 ta' Diċembru 2019 dwar ir-rapport tar-Rapport Speċjali Nru 12/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "*Il-kummerċ elettroniku: ħafna mill-isfidi relatati mal-ġbir tal-VAT u tad-dazji doganali għad iridu jiġu riżolti*".

13 Azzjoni 14 ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/2020_tax_package_tax_action_plan_en.pdf

14 Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 384I, 12.11.2019, p. 1.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea awtorizza wkoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tiftaħ negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit[15]. Is-sħubija prevista tkopri, fost l-oħrajn, il-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet doganali u tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) inkluż għall-iskambju ta' informazzjoni għall-ġlieda kontra l-frodi doganali u tal-VAT, u għall-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi u dazji, kif imsemmi fid-direttivi ta' negozjar[16].

28. Mill-2019, **formoli ta' talba għal assistenza għall-irkupru elettroniċi** (fil-format Java[17]) huma **disponibbli għall-użu ma' pajjiżi terzi**. Meta dawn il-formoli kienu inizjalment żviluppati, kienu fil-fatt imfassla b'tali mod li jistgħu jintużaw ma' pajjiżi terzi oħra.

    Tista' tiġi prevista wkoll kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għar-reviżjoni tal-formoli ta' talba attwali tal-UE għal assistenza għall-irkupru tat-taxxa.

29. Fl-aħħar nett, il-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar l-Irkupru ssuġġerixxa li jiġi żviluppat **Memorandum ta' Ftehim mudell tal-UE** għal ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Abbażi tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, dan il-mudell jista' jintuża mill-Istati Membri biex jorganizzaw l-assistenza għall-irkupru tagħhom ma' pajjiżi terzi, sabiex tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni ta' ftehimiet bħal dawn.

6. Il-konklużjonijiet ġenerali u r-rakkomandazzjonijiet

30. Il-**ġbir awtomatizzat ta' *data* statistika** se jgħin biex tittejjeb il-preċiżjoni ta' din l-istatistika u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri.

    L-Istati Membri huma mistiedna jużaw b'mod effettiv il-ġbir awtomatizzat tad-data statistika u jinkludu d-*data* miġbura addizzjonalment fir-rapporti annwali tagħhom lill-Kummissjoni.

31. Għalkemm l-ammonti rkuprati huma konsiderevoli, il-problemi rrappurtati juru li hemm tħassib/dubji dwar ir-rieda jew il-kapaċità ta' xi Stati Membri li jipprovdu assistenza għall-irkupru. L-Istati Membri għandhom obbligu legali **li jassistu Stati Membri oħra** fl-irkupru ta' talbiet ta' taxxa għalhekk jeħtieġ li jittieħdu miżuri adegwati fil-livell nazzjonali biex jissodisfaw dan ir-rekwiżit.

32. Jenħtieġ li jingħata segwitu xieraq għal kull talba għall-assistenza u l-ħin tal-ipproċessar għandu jitqassar b'mod sostanzjali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddedikaw biżżejjed riżorsi umani, infrastruttura tal-IT u għodod tal-IT għall-assistenza għall-irkupru tat-taxxa, sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' assistenza tagħhom u jittrattaw il-volum dejjem jikber ta' talbiet għall-assistenza. **Ir-regoli nazzjonali u l-prattiki amministrattivi jeħtieġ li jiġu żviluppati** b'tali mod li l-awtoritajiet għall-irkupru tat-taxxa jkunu jistgħu jipprovdu tali assistenza.

---

15 https://www.consilium.europa.eu/media/42737/st05870-en20.pdf

16 https://www.consilium.europa.eu/media/42736/st05870-ad01re03-en20.pdf

17 Fir-rigward tal-formoli elettroniċi tal-applikazzjoni ċentrali (eFCA), ġie nnutat li dan ikun jeħtieġ konnessjoni tal-IT u appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni u jinvolvi kontribuzzjoni finanzjarja mill-pajjiżi parteċipanti, li tirrikjedi ftehim internazzjonali (bħal fil-każ tan-Norveġja).

L-Istati Membri huma mistiedna jorganizzaw kontroll intern, sabiex jiżguraw li t-talbiet għall-assistenza jiġu eżegwiti b'mod effettiv u li l-awtoritajiet rikjesti jipprovdu informazzjoni ċara u f'waqtha lill-awtoritajiet applikanti dwar l-eżekuzzjoni tat-talbiet għall-assistenza.

L-awtoritajiet tat-taxxa huma mistiedna jirrappurtaw sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tar-regoli dwar l-assistenza għall-irkupru fil-livell xieraq fl-Istati Membri u l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw dawn il-problemi (fi stadju aktar bikri) lil Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni, sabiex il-problemi persistenti fir-relazzjonijiet ma' Stati Membri oħra jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar proattiv u effettiv.

33. Il-**qafas ta' assistenza tal-UE għall-irkupru tat-taxxa qed jiffaċċja diversi sfidi**: l-għodod u l-istrumenti biex tintalab u tingħata assistenza għall-irkupru għandhom jiġu adattati għall-ħtieġa dejjem akbar ta' assistenza għall-irkupru, l-iżviluppi ekonomiċi u teknoloġiċi ġodda u l-iżviluppi legali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tad-debituri tat-taxxa.

34. Il-ħtieġa li **jiżdied l-għarfien u l-għoti tal-qafas ta' assistenza** tal-UE għall-irkupru tat-taxxa hija kwistjoni importanti. Ittieħdu azzjonijiet biex jiżdied dan l-għarfien u sensibilizzazzjoni, iżda hija meħtieġa aktar azzjoni.

35. L-Istati Membri huma mistiedna jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jimplimentaw dawn l-azzjonijiet, b'mod proattiv u bi spirtu Ewropew pożittiv.